Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 107/2013

**Dr Francis Lanfranco, John Vella Muscat, Clarissa Formosa, Michael Formosa, Ann Cole, Josef Formosa Gauci u Dr Philip Manduca ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsefrin Mark St. George, James St. George, David St. George, Christopher St George, Sarah St. George, Caroline St Goerge, Laura St. George, Henry St. George, Katherine St George (appellati)**

**Vs**

**Malta Tours Ltd (C1998), Match Music (Stores) Ltd u Victor Grech ghan-nom tal-imsiefer Philip Grech u l-istess Victor Grech jew min minnhom (appellanti)**

**30 ta' Jannar, 2017**

1. B'decizjoni tal-11 ta' April 2016 il-Bord Li Jirregola cahad l-ewwel eccezzjoni tal-appellanti li taqra:

   *"Illi preliminarjament qed jecepixxu l-inkompetenza ratione materiae ta' dana l-Bord u dana peress illi mir-rikors promotur taghhom jidher illi huma qed jippremettu illi qatt ma kien hemm kirja tal-proprjeta mertu tal-kawza odjerna bejn l-istess rikorrenti u l-intimati jew min minnhom".*

2. L-intimati appellaw fejn baqghu jsostnu li l-Bord Li Jirregola l-Kera mhuwiex kompetenti sabiex jisma' u jiddeciedi l-kawza. Skont l-appellanti ladarba s-sidien qeghdin isostnu li l-intimati m'ghandhomx titolu validu skont il-ligi, allura l-Bord m'ghandux kompetenza ratione materiae.

3. L-appellati wiegbu li l-iskrittura ta' lokazzjoni hi l-pern tal-kawza. L-appellanti stess accettaw il-kompetenza tal-Bord meta fir-raba' eccezzjoni qalu li ghandhom kirja. Komplew ighidu li: *"Fil-kaz odjern l-esponenti qeghdin iharrku lill-erba' intimate 'jew min minnhom' u permezz tal-prova li fi hsiebhom jaghmlu tas-sullokazzjoni/assenjazzjoni/cessjoni, il-Bord ghandu jasal ghal konkluzjoni li l-intimati qeghdin jokkupaw il-fon de quo illegalment u abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi".*

4. **Fatti**.

   i. Bi skrittura ta' lokazzjoni tas-27 ta' Novembru, 1969, il-fond oggett tal-kawza nghata b'kera lil Joseph Louis u Philip ahwa Portanier ghall-perjodu ta' 16 il-sena minn dakinhar. Id-desitnazzjoni tal-kirja kienet *"….ufficcju*

*jew hanut eskluz l-uzu ta' bar jew ta' hanut ta' grocer jew coffee-shop"*. Fl-iskrittura jinghad li l-inkwilini m'ghandhomx jedd jissullokaw.

ii. Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti ddikjaraw li ilhom ma jaccettaw kera sa mis-sena 2001. Isostnu wkoll li l-intimati qeghdin jokkupaw il-fond in kwistjoni abuzivament u bla titolu.

iii. L-intimata Malta Tours Limited issostni li ghandha relazzjoni guridika mar-rikorrenti. Fir-raba' eccezzjoni tezisti kirja.

iv. B'rikors prezentat fit-28 ta' Marzu 2014 l-appellanti jsostnu li l-fond qed jinzamm kwazi dejjem maghluq u ghaldaqstant hemm ksur tal-kundizzjonijiet originali tal-kirja. Ir-rikors sar sabiex jinghata permess biex jitressqu provi godda. B'digriet tat-2 ta' April, 2014 il-Bord cahad it-talba peress li, *"….. ir-rikorrenti qeghdin jittentaw izidu kawzali godda u mhux jiccaraw ir-rikors skont kif inhu permess fl-artikolu 27 tal-Kap. 69"*.

v. M'hemmx prova li l-kirja li nghatat lill-ahwa Portanier, spiccat.

5. Skont l-artikolu 16(4) tal-Kap. 69:

*"16. (4) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-Bord għandu wkoll jiddeċiedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummerċjali u dan għat-termini ta' Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, Fuq il-Kuntratti tal-Kiri, inklużi kawżi dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni ta' kirja.*

Skont l-artikolu 1525(1) tal-Kodici Civili, il-Bord:

*"ghandu kompetenza esklussiva li jiddeciedi kwistjonijiet konnessi ma' kuntratti ta' kiri ta' fond urban u ta' dar ghall-abitazzjoni u ta' fond kummercjali. Kirjiet ohra jaqghu taht il-kompetenza tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni Civili u fil-kaz ta' raba' taht il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba".*

Il-fatt li fir-raba' eccezzjoni l-intimati ddikjaraw li *"jezisti titolu validu ta' kera"*, ma jfissirx li b'daqshekk il-kompetenza hi tal-Bord Li Jirregola l-Kera (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawza **Edmund Mifsud vs Doris Micallef**, tat-12 ta' Frar 2016.

6. Il-Bord wara li ghamel riferenza ghall-gurisprudenza ta' din il-qorti, ikkonkluda li:

*"… huwa tal-fehma li l-kawza odjerna tikkoncerna **obbligazzjonijiet kuntrattwali tal-kerrej** anke jekk tali kerrej ma humiex necessarjament l-intimati izda jista' jkun it-terz indikat fil-kuntratt ta' kera ezebit."*

Fl-ewwel lok il-qorti trid taghmilha cara li kull kaz ghandu l-fatti partikolari tieghu. Ma jfissirx li dak li qalet din il-qorti fis-sentenza li rrefera ghalihom il-Bord, japplika ghall-kaz in ezami.

Fil-kaz in ezami l-appellati qeghdin jikkontestaw **biss** l-okkupazzjoni tal-fond mill-appellanti. Tant hu hekk li fih iddikjaraw li l-intimati qeghdin, "*… jokkupaw l-istess fond* ***illegalment u abbuzivament u minghajr ebda titolu fil-ligi****….*" Sahansitra r-rikorrenti lanqas ma harrku lill-inkwilini jew werrieta taghhom[1]. Mill-mod kif saret il-kawza hu evidenti li l-appellanti qeghdin isostnu li m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mal-appellati. Mhumiex jirrikonoxxu li l-appellati jew xi hadd minnhom hu inkwilin. F'dan ix-xenarju t-talba kif maghmula ma tikkoncernax il-kirja li saret lil Portanier, li m'hemmx prova li giet terminata. Ghalhekk dak li l-Bord gie mitlub jiddeciedi dwaru hu estranju ghall-kirja tal-fond 53, Triq Santa Lucija, Valletta li saret fis-27 ta' Novembru 1969.

7. **Konkluzjoni** – il-Bord Li Jirregola l-Kera mhuwiex kompetenti sabiex jisma' u jiddeciedi l-kawza.

**Ghal dawn il-motivi thassar id-decizjoni tal-Bord Li Jirregola l-Kera tal-11 ta' April 2016 u tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-appellanti. Spejjez a karigu tal-appellati.**

Anthony Ellul.

[1] Jekk m'ghadhomx hajjin.